MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 1/2007

**Grezzju Bonello**

**-vs-**

**Stephen Magri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` mitejn u tlieta u tmenin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm283.55c) rapprezentanti bilanc ta` hlas minn somma akbar dovuti ghal xoghol ta` *waterproofing membrane* li sar fuq tlett lantijiet tax-xoghol fix-Xaghra, Nadur u Gharb fuq ordni u nkarigu tieghu ta` liema xoghol halla dan il-bilanc mhux imhallas u dan baqa` mhux imhallas sal-prezentata ta` din il-kawza minkejja li sarulu diversi interpellazzjonijiet kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub ghall-hlas (statement tal-kont anness u mmarkat A) bl-imghaxijiet legali minn meta tlesta x-xoghol sal-effettiv pagament. Bl-ispejjez inkluzi

tal-ittra interpellatorja tal-1 ta` Settembru 2006. Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha huwa minn issa mharrek.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa` ma pprezenta l-ebda risposta u lanqas ma deher ghas-seduti ta` dan it-Tribunal.

Sema` x-xhieda bil-gurament ta` Grezzju Bonello.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkonsidra**

Illi l-attur ghamel xoghol ta` *waterproofing membrane* fuq tlett lantijiet tax-xoghol fix-Xaghra, Nadur u Gharb u dan kif jirrizulta kemm mix-xhieda tal-attur kif ukoll mid-dokumenti ezebiti. Jirrizulta wkoll illi ghal dan ix-xoghol il-konvenut kellhu jhallas is-somma ta` mitejn u tlieta u tmenin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm283.55c) liema hlas ma sarx u ghalhekk ghadu dovut.

Ma saret l-ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenut.

Ghalhekk it-talba tal-attur tirrizulta provata, gustifikata u tisthoqq li tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta` mitejn u tlieta u tmenin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm283.55c), bl-ispejjez kollha tal-kawza komprizi dawk tan-notifika permezz ta` publikazzjoni jew affissjoni. Stante li dan huwa debitu civili, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data ta` notifika tal-Avviz u cioe mill-14 ta` Mejju 2007.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------